Nru. 17,692
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' Diċembru, 2004
Tuesday, 14th December, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1293

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,688 u 17,690 tas-7 u ta' l-10 ta' Diċembru, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 498 ta' l-2004: *Product Safety Act (Act V of 2001); The Cosmetic Products (Amendment) Regulations, 2004*.

A.L. Nru. 499 ta' l-2004: Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Att Nru. V ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sustanzi Perikoluży (Notifikazzjoni) (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 500 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254); Regolamenti ta' l-2004 dwar Modifika fil-Liċenza ta' Maltapost p.l.c.

A.L. Nru. 501 ta' l-2004: Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464); Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet mill-Kunsill ta' l-Ispiżjara.

A.L. Nru. 502 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi (Att Nru. XI ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti.

A.L. Nru. 503 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2004 dwar Problemi tas-Saħħa Pubblika u dik ta' l-Animali li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq tal-Laħam tal-Fenek u tal-Priża Mrobbija.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1293

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,688 and 17,690 of the 7th and 10th December 2004, respectively.

L.N. No. 498 of 2004: Product Safety Act (Act V of 2001); The Cosmetic Products (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 499 of 2004: Product Safety Act, 2001 (Act No. V of 2001); The Dangerous Substances (Notification) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2004.

L.N. No. 500 of 2004: Postal Services Act (Cap. 254); Maltapost p.l.c. Licence (Modification) Regulations, 2004.

L.N. No. 501 of 2004: Health Care Professions Act (Cap. 464); Pharmacy Council (Fees) Regulations, 2004.

L.N. No. 502 of 2004: Pesticides Control Act, 2001 (Act No. XI of 2001); Plant Protection Products (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 503 of 2004: Veterinary Services Act (Cap. 437); Public and Animal Health Problems affecting the Production and Placing on the Market of Rabbit and Farmed Game Meat Rules, 2004.

A.L. Nru. 504 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regoli ta' l-2004 dwar Problemi ta' Saħħa Pubblika u ta' l-Annimali relatati mal-Qtil u t-Tqegħid fis-Suq tal-Laħam ta' l-Annimali Selvaġġi.

A.L. Nru. 505 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Kommunitarju f'Annimali Bovini u Majjali.

L-14 ta' Diċembru, 2004

L.N. No. 504 of 2004: Veterinary Services Act (Cap. 437); Public and Animal Health Problems relating to the Killing and the Placing on the Market of Wild Game Meat Rules, 2004.

L.N. No. 505 of 2004: Veterinary Services Act (Cap. 437); Animal Health Problems Affecting Intra-Community Trade in Bovine Animals and Swine Rules, 2004.

14th December, 2004

Nru. 1294

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Diċembru, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1282 ta' l-10 ta' Diċembru, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-10 ta' Diċembru, 2004
(OPM 12/2004 Vol II)

No. 1294

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 10th December, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 1282 of the 10th December, 2004, ceased to have effect accordingly.

10th December, 2004

Nru. 1295

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Anthony Barbara, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-12 sas-16, mid-19 sal-21 u mid-29 sat-30 ta' Diċembru 2004, u l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-22 sat-28 ta' Diċembru 2004, id-dati indikati kollha inklużi.

L-14 ta' Diċembru, 2004

No. 1295

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Anthony Barbara, Assitant Attorney General, to act as Attorney General from 12th to 16th, from 19th to 21st, and from 29th to 30th December 2004, and the appointment of Dr Peter Grech, Assistant Attorney General, to act as Attorney Genral from 22nd to 28th December 2004, all the indicated days inclusive.

14th December, 2004

Nru. 1296

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membru ta' Eżamijiet fis-Snajja'

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1239 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,684 tas-26 ta' Novembru, 2004, ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-membru tekniku addizzjonali tal-bord ta' l-eżamijiet fis-snajja' biex jara l-kompetenza tal-Ġojjelliera għandu jkun is-Sur Charles Pace Briffa.

L-14 ta' Diċembru, 2004

No. 1296

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Member

WITH reference to Governemnt Notice No. 1239 published in the Government Gazette No. 17,684 of the 26th November, 2004, it is notified for general information that the additional trade testing board technical member to assess competences of Jewellers should be Mr Charles Pace Briffa.

14th December, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Full-Time Youth Information Centre Worker

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija flimkien mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg - Taqsima taż-Żgħażagħ, se jwaqqfu *Youth Information Centre* fil-Main Campus tiegħu f'Kordin.

Dan jirrikjedi *Youth Information Centre Worker* motivat ħafna li jkun meħtieġ li jippjana u jikkordina l-*Information Centre,* u li jiżgura li jingħata servizz relevanti u effettiv mill-*Information Centre* f'atmosfera attraenti għaż-żgħażagħ. Il-*Youth Information Centre Worker* ikun meħtieġ ukoll li jagħti kontribut għall-iżvilupp ta' attivitajiet u servizzi għaż-żgħażagħ mal-Kulleġġ kollu.

L-applikanti għandhom preferibbilment ikollhom livell ta' edukazzjoni terzjarja. L-esperjenza li għandhom issa f'xogħol maż-żgħażagħ tkun ta' vantaġġ. Applikanti għandhom juru wkoll kompetenza f'sistemi ta' IT u kif japplikawhom.

Persuni interessati għandhom jibagħtu applikazzjoni mill-MCAST, li tinkiseb *online* jew mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-3 ta' Jannar, 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA 08.

(ETC Permit Nru. 111/2004)

L-14 ta' Diċembru, 2004

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Full-Time Youth Information Centre Worker

The Malta College of Arts, Science and Technology in collaboration with the Ministry of Education, Youth and the Employment – Youth Section, is establishing a Youth Information Centre on its Main Campus at Corradino.

This calls for a highly motivated Youth Information Centre Worker who will be required to plan and co-ordinate the Information Centre, and to ensure the provision of a relevant and effective Information Centre service in an atmosphere attractive to young people. The Youth Information Centre Worker will also be expected to contribute to the development of youth activities and services throughout the College.

Applicants should preferably possess a tertiary level of education. Current experience of working with young people will be an advantage. Applicants must also demonstrate competence in IT systems and their application.

Interested persons should submit the MCAST application form, available online and from the Human Resources Office, Paola, by not later than Monday, 3rd January 2005. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

(ETC Permit No. 111/2004)

14th December, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet li ġejjin:

***Lecturing Staff*: Xjenzi Agrikoli (ETC Permit 148/2004)**

L-applikanti għandu jkollhom id-*degree* relevanti jew kwalifika vokazzjonali relevanti (livell 3 jew aħjar) u ta' l-anqas ħames snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u adatta. L-applikanti għandhom ikunu profiċjenti f'waħda jew aktar mill-oqsma li ġejjin: Prinċipji tax-Xjenza dwar l-Annimali; Prinċipji tax-Xjenza dwar il-Pjanti u l-Ħamrija; Kura tal-Bhejjem u Annimali; Prinċipji dwar il-Makkinarju u *Workshop Skills*.

Il-kandidati jkunu meħtieġa li jgħallmu fil-livelli kollha sa Diploma Nazzjonali.

Lecturing Staff: Arti u Disinn (ETC Permit 148/2004)

L-applikanti għandu jkollhom *degree* relatata ma' l-Arti u/jew Arti u Disinn (e.g. Storja ta' l-Arti jew Disinn u Teknoloġija). Talent artistiku u xeħta għad-disinn huma indispensabbli għal dan il-post u l-kandidati jintalbu juru xhieda tal-kompetenzi speċifiċi għas-suġġett.

Il-kandidat/i magħżul/a jkunu mistennija li jkollhom rwol ewlieni biex jiżviluppaw għarfien viżwali qawwi u sens u komprensjoni ta' kritika, ta' l-oġġetti ddisinjati kollha madwarna. Ikunu meħtieġa li jgħallmu fil-livelli kollha sa *Higher National Diploma* u għandhom juru xhieda ta' livell għoli fil-prattika professjonali.

Assistenti Bibljotekarji Każwali (ETC Permit 207/2004)

Min jinħatar ikun meħtieġ li jwettaq *information needs analysis*, jagħżel u jikseb materjal adattat, jipproċessa informazzjoni, jappoġġa direttament u jissorvelja utenti u *staff* tal-librerija u jgħin biex jistabbilixxi *standards* ta' kwalità għoljin tal-librerija.

L-applikanti għandu jkollhom *Diploma in Library and Information Studies*. Kandidati adatti miktuba fil-kors ta' DLIS ikunu kkunsidrati bi ftehim li jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom. L-applikanti għandhom ikunu jafu l-IT (ECDL jew ekwivalenti).

Persuni interessati għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for the following posts:

Lecturing Staff: Agricultural Sciences (ETC Permit 148/2004)

Applicants should have a relevant degree or a relevant vocational qualification (level 3 or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience. Applicants should be proficient in one or more of the following areas: Principles of Animal Science; Principles of Plant and Soil Science; Livestock and Animal Care; Crops and Horticulture; Water and the Environment; Sustainable Farming; Agribusiness; Principles of Machinery and Workshop Skills.

Candidates will be expected to teach at all levels up to National Diploma.

Lecturing Staff: Art and Design (ETC Permit 148/2004)

Applicants should have a degree relating to Art and/or Art and Design (e.g. Art History or Design and Technology). Artistic talent and 'design' flair are indispensable for this post and candidates will be asked to provide evidence of subject-specific competences.

The selected candidate/s will be expected to play a leading role in developing strong visual awareness and critical sense and understanding, of all the designed objects around us. They will be expected to teach at all levels up to Higher National Diploma and must provide evidence of a high level of professional practice.

Casual Assistant Librarians (ETC Permit 207/2004)

The appointees will be required to carry out information needs analysis, select and acquire appropriate material, process information, directly support and supervise library users and staff and assist in the establishment of library quality standards.

Applicants should possess a Diploma in Library and Information Studies. Suitable candidates enrolled on a DLIS course will be considered on the understanding that they will successfully conclude their studies. Applicants should be IT literate (ECDL or equivalent).

Interersted persons should submit the MCAST Application Form, available online and from the Human Resources Office,

tar-Riżorsi Umani, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-3 ta' Jannar 2005. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA08.

L-14 ta' Diċembru, 2004

Paola, by not later than Monday, 3rd January 2005. Late applications will not be considered. If futher information is required one can contact the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

14th December, 2004

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U XOGĦOL

Indirizz tal-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni

Ngħarrfu illi l-indirizz il-ġdid ta' l-uffiċċju tal-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni huwa 17, Triq Edgar Ferro, il-Pietà MSD 07.

L-14 ta' Diċembru, 2004

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Address of Radiation Protection Board

It is notified that the new address of the office of the Radiation Protection Board is 17, Triq Edgar Ferro, Pietà MSD 07.

14th December, 2004

AVVIŻ TAR- REĠISTRATUR TAL-KUMPANNIJI

Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji jgħarraf illi b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2004, id-dikjarazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma':–

a) dokumenti konsenjati, mogħtija jew notifikati lilu għar-reġistrazzjoni;

b) ċertifikati maħruġa minnu wara r-reġistrazzjoni, bdil ta' isem, bdil, amalgamazzjoni jew qsim ta' soċjetà; u

ċ) tħassir ta' isem ta' soċjetà mir-reġistru;

liema dikjarazzjonijiet huma meħtieġa li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 401 (1)(e) ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji kif ukoll skond id-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Ordinanza Dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali, 1962 u l-*Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations,* 2004 huma, bis-saħħa ta' l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, ippubblikati u qegħdin fl-*internet web-site* uffiċjali tar-Reġistratur tal-Kumpanniji: **http://registry.mfsa.com.mt**

Il-pubbliku jista' jara kopja stampata ta' dawn id-dikjarazzjonijiet kollha matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju fl-uffiċċju tar-Reġistru tal-Kumpanniji fl-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Ħ'Attard.

DOTT. ANTON BARTOLO, LL.D.
Reġistratur tal-Kumpanniji

L-1 ta' Settembru, 2004

NOTICE OF REGISTRAR OF COMPANIES

The Registrar of Companies hereby notifies that with effect from the 1st September 2004, all statements relating to:–

(a) documents delivered, given or served on him for registration;

(b) certificates issued by him on the registration, change of name, conversion, amalgamation or division of a commercial partnership; and

(c) the striking off the register of the name of a commercial partnership;

which statements are required to be published in the Government Gazette in terms of article 401 (1)(e) of the Companies Act 1995 and also in terms of the relevant provisions of the Commercial Partnerships Ordinance, 1962 and the Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations, 2004 are, by virtue of article 16 of the Interpretation Act, published and available on the official internet web-site of the Registrar of Companies at: **http://registry.mfsa.com.mt**

A hard copy of all such statements is available for public inspection during office hours at the premises of the Registry of Companies at the Malta Financial Services Authority, Notabile Road, Attard.

DR ANTON BARTOLO LL.D.
Registrar of Companies

1st September, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Diċembru, 2004, għal:

CT 294/2004. Rijabilitazzjoni ta' 91, Triq il-Merkanti, Valletta – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopa ta' dokument ta' l-offerta.

CT 295/2004. Stallazzjoni ta' *lifts* fi Blokki A-B, Tal-Ftieħ, Birkirkara – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 296/2004. Stallazzjoni ta' *lifts* fi Blokki 1-5, Triq Tal-Ġebel, Birżebbuġa – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 297/2004. Stallazzjoni ta' *lifts* fi Triq il-Wied, fl-Imsida (Fażi III) – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 298/2004. Stallazzjoni ta' *lifts* fi Blokki 1-5, Triq Axtart, Marsaxlokk – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 299/2004. Stallazzjoni ta' *lifts* fi Blokki 2-4, Burmarrad – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 300/2004. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *passenger lifts* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-21 ta' Diċembru, 2004, għal:

CT 301/2004. Provvista ta' għodda u tagħmir għat-*Technology Workshop,* Plastik – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 302/2004. Provvista ta' għodda u tagħmir għat-*Technology Workshop, Bench tools* – Fondazzjoni għall-

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th December, 2004, for:

CT 294/2004. Rehabilitation of 91, Triq il-Merkanti, Valletta – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 295/2004. Installation of lifts at Block A–B, Tal-Ftieħ, Birkirkara – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 296/2004. Installation of lifts at Block 1-5, Tal-Ġebel Road, Birżebbugia – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 297/2004. Installation of lifts at Triq il-Wied, Msida (Phase III) – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 298/2004. Installation of lifts at Blocks 1-5, Triq Axtart, Marsaxlokk – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 299/2004. Installation of lifts at Blocks 2-4, Burmarrad – Housing Construction and Maintenance Department. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 300/2004. Supply, installation and commissioning of passenger lifts at the Education Division, Floriana – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 21st December, 2004, for:

CT 301/2004. Supply of tools and equipment for Technology Workshop, Plastic – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 302/2004. Supply of tools and equipment for Technology Workshop, Bench tools – Foundation for

Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 303/2004. Provvista ta' għodda u tagħmir għat-*Technology Workshop,* Għodda u tagħmir ġenerali – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 304/2004. Provvista ta' għodda u tagħmir għat-*Technology Workshop,* Tagħmir elettroniku – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 305/2004. Provvista ta' għodda u tagħmir għat-*Technology Workshop,* Tagħmir għall-*welding* – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 306/2004. Xogħlijiet ta' suffett tal-*mineral fibre* fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limit ta' Ħal Kirkop – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 307/2004. *Rendering* u xogħlijiet ta' żebgħa fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limiti ta' Ħal Kirkop – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 308/2004. Provvista, manifattura u twaħħil ta' aperturi ta' l-aluminju fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limiti ta' Ħal Kirkop – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 314/2004. Provvista ta' *autoimmune system: IFA and ELISA kits* b'tagħmir b'self – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 315/2004. Provvista ta' *through the scope oesophageal balloon dilation catheters* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 316/2004. Bini ta' *maisonettes* u garaxxijiet fil-*basement* fi *Plot* 13, Triq Kastellan, Tad-Dolliegħa, iż-Żejtun – Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 317/2004. Bini ta' appartamenti, garaxxijiet, *parking space* u tlestija ta' parti komuni fi *Plot* 7/8, Vjal l-Indipendenza, Ta' Ciantar, iż-Żurrieq – Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 318/2004. Bini ta' appartamenti u garaxx fi *Plot* 12, Vjal l-Indipendenza, Ta' Ciantar, iż-Żurrieq – Awtorità tad-

Tomorrow's Schools. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 303/2004. Supply of tools and equipment for Technology Workshop, General tools and equipment – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 304/2004. Supply of tools and equipment for Technology Workshop, Electronic equipment – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 305/2004. Supply of tools and equipment for Technology Workshop, Welding equipment – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 306/2004. Mineral fibre false ceiling works at the new Secondry School at Karwija, limits of Kirkop – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 307/2004. Rendering and painting works at the new Secondary School at Karwija, limits of Kirkop – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 308/2004. Supply, manufature and fixing of aluminium apertures at the new Secondary School at Karwija, limits of Kirkop – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 314/2004. Supply of autoimmune system: IFA and ELISA kits with equipment on loan – Department of Health.

CT 315/2004. Supply of through the scope oesophageal balloon dilation catheters – Department of Health.

CT 316/2004. Construction of maisonettes and basement garages on Plot 13, Triq Kastellan, Tad-Dolliegħa, Żej tun – Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 317/2004. Construction of apartments, garages, parking space and the finishing of common parts on Plot 7/8, Vjal l-Indipendenza, Ta' Ciantar, Żurrieq – Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 318/2004. Construction of apartments and garage on Plot 12, Vjal l-Indipendenza, Ta' Ciantar, Żurrieq – Housing

Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-6 ta' Jannar, 2005 għal:

CT 309/2004. Xogħlijiet ta' madum, irħam u granit fl-Iskola Sekondarja l-ġdida fil-Karwija, limiti ta' Ħal Kirkop – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 310/2004. Provvista ta' pilloli jew kapsoli *losartan potassium 50mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Ottubru 2004.

CT 311/2004. Provvista ta' pilloli *risperidone 2mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Ottubru 2004.

CT 312/2004. Provvista ta' *haemophilus influenza Type B vaccine* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Ottubru 2004.

CT 339/2004. Provvista ta' għodda u tagħmir għat-*Technology Workshop,* magna tat-torn għall-metall – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 340/2004. Provvista ta' għodda u tagħmir għat-*Technology Workshop,* magna tat-torn għall-injam – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 341/2004. Provvista ta' *foldable lenses* u *viscoelastic solution* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 342/2004. Provvista ta' pilloli *fluocortolone 20mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 353/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' qomos tas-sajf lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Jannar, 2005 għal:

CT 320/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *etoposide 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 321/2004. Provvista ta' pilloli *stilboestrol 1mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 6th January, 2005, for:

CT 309/2004. Tiling, marble and granite works at the new Secondary School at Karwija, limits of Kirkop – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 310/2004. Supply of losartan potassium 50mg tablets or capusles – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 29th October 2004.

CT 311/2004. Supply of risperidone 2mg tablets – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 29th October 2004.

CT 312/2004. Supply of haemophilus influenza Type B vaccine – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 29th October 2004.

CT 339/2004. Supply of tools and equipment for technology Workshop, metal lathe machine – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 340/2004. Supply of tools and equipment for Technology Workshop, wood lathe machine – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

CT 341/2004. Supply of foldable lenses and viscelastic solution – Department of Health.

CT 342/2004. Supply of fluocortolone 20mg tablets – Department of Health.

CT 353/2004. Period contract for the supply of summer shirts to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th January, 2005, for:

CT 320/2004. Supply of etoposide 100mg injections - Department of Health.

CT 321/2004. Supply of stilboestrol 1mg tablets - Department of Health.

CT 322/2004. Provvista ta' *disposable reloadable integral linear cutter, stapling device and loading units* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 323/2004. Provvista ta' pilloli *clomipramine hydrochloride 25mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 324/2004. Provvista ta' pilloli *amitriptyline hydrochloride 10mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 325/2004. Provvista ta' *braided synthetic absorbable G1 on 40mm needle* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 326/2004. Provvista ta' *amoxycillin and clavulanic acid oral suspension* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 327/2004. Provvista ta' *sodium chloride 0.9% X500ml IV infusion fluid BP/EP* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 328/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *mitoxantrone 20mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 329/2004. Provvista ta' pilloli *primidone 250mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 330/2004. Provvista ta' pilloli *lamotrigine 50mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 331/2004. Provvista ta' *sterile intravenous cannula-G22* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 332/2004. Provvista ta' *ipratropium bromide inhaler* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 333/2004. Provvista ta' *disposable triple lumen ERCP sphincterotome kits* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 352/2004. Moniteraġġ ta' l-ambjent ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra - *Heritage Malta*. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 351/2004. *Prequalification document* għall-provvista ta' *storage and logistics system* għall-Isptar Mater Dei – Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' Novembru 2004.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-13 ta' Jannar, 2005 għal:

CT 334/2004. Provvista ta' *sodium chloride 0.9% x 1000ml IV infusion fluid BP / EP* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2004.

CT 322/2004. Supply of disposable reloadable integral linear cutter, stapling device and loading units - Department of Health.

CT 323/2004. Supply of clomipramine hydrochloride 25mg tablets - Department of Health.

CT 324/2004. Supply of amitriptyline hydrochloride 10mg tablets - Department of Health.

CT 325/2004. Supply of braided synthetic absorbable G1 on 40mm needle - Department of Health.

CT 326/2004. Supply of amoxycillin and clavulanic acid oral suspension - Department of Health.

CT 327/2004. Supply of sodium chloride 0.9%X500ml IV infusion fluid BP/EP - Department of Health.

CT 328/2004. Supply of mitoxantrone 20mg injections - Department of Health.

CT 329/2004. Supply of primidone 250mg tablets - Department of Health.

CT 330/2004. Supply of lamotrigine 50mg tablets - Department of Health.

CT 331/2004. Supply of sterile intravenous cannula-G22 - Department of Health.

CT 332/2004. Supply of ipratropium bromide inhaler - Department of Health.

CT 333/2004. Supply of disposable triple lumen ERCP sphincterotome kits - Department of Health.

CT 352/2004. Environment monitoring of Ħaġar Qim and Mnajdra - Heritage Malta. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 351/2004. Prequalification document for the procurement of storage and logistics system for the Mater Dei Hospital – Foundation for Medical Services.

The EU Contract Notice was dispatched on 19th November 2004.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 13th January, 2005, for:

CT 334/2004. Supply of sodium chloride 0.9% x 1000ml IV infusion fluid BP/EP - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2004.

CT 335/2004. Provvista ta' *liposomal amphotericin intravenous infusion* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2004.

CT 336/2004. Provvista ta' kapsoli *5hydroxy LTryptopham 20mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2004.

CT 337/2004. Provvista ta' *hepatitis B vaccine* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2004.

CT 338/2004. Provvista ta' *compound sodium lactate (Hartmanns) X500ml IV infusion fluid BP / EP* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2004.

CT 344/2004. Provvista ta' *reloadable disposable linear staplers 30mm, 60mm and 90mm* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 345/2004. Provvista ta' *bandages crepe 7.5cm* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 346/2004. Provvista ta' *posterior chamber lenses* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 347/2004. Provvista ta' pilloli *chlorpromazine 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 348/2004. Provvista ta' kapsoli *ritonavir 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 349/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *gemcitabine 1gr* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' Jannar, 2005 għal:

CT 343/2004. Provvista ta' *calcipotriol ointment* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Novembru 2004.

CT 354/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' uniformijiet, qliezet u dbielet tas-sajf lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

*CT 356/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' siment tat-tip *ordinary Portland* lis-Sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 335/2004. Supply of liposomal amphotericin intravenous infusion - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2004.

CT 336/2004. Supply of 5hydroxy L Tryptopham 20mg capsules - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2004.

CT 337/2004. Supply of hepatitis B vaccine - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2004.

CT 338/2004. Supply of compound sodium lactate (Hartmanns) X500ml IV infusion fluid BP / EP - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2004.

CT 344/2004. Supply of reloadable disposable linear staplers 30mm, 60mm and 90mm - Department of Health.

CT 345/2004. Supply of bandages crepe 7.5cm - Department of Health.

CT 346/2004. Supply of posterior chamber lenses - Department of Health.

CT 347/2004. Supply of chlorpromazine 100mg tablets - Department of Health.

CT 348/2004. Supply of ritonavir 100mg capsules - Department of Health.

CT 349/2004. Supply of gemcitabine 1gr injections - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 18th January, 2005, for:

CT 343/2004. Supply of calcipotriol ointment – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th November 2004.

CT 354/2004. Period contract for the supply of summer uniforms, trousers and skirts to the Procurement Section of the Contracts Department.

*CT 356/2004. Period contract for the supply of ordinary Portland cement to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-25 ta' Jannar, 2005 għal:

CT 350/2004. Akkwist ta' tagħmir għall-*monitoring* - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-11 ta' Novembru 2004.

CT 355/2004. Provvista ta' ħobż (Malta) - Dipartiment tas-Saħħa.

*CT 357/2004. Provvista ta' manetti - Dipartiment tal-Pulizija.

*CT 358/2004. Provvista ta' *adrenaline 1:10,000 pre-filled syringes with luer tip* - Dipartiment tas-Saħħa.

*CT 359/2004. Provvista ta' *ispaghula husk* - Dipartiment tas-Saħħa.

*CT 360/2004. Provvista ta' pilloli *dipyridamole 100mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

*CT 361/2004. Bini ta' *access road* għall-blokki ta' djar f'Triq il-Wied, l-Imsida - Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-3 ta' Frar, 2005 għal:

*CT 362/2004. Provvista ta' *glass showcases* - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

L-14 ta' Diċembru, 2004

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 25th January, 2005, for:

CT 350/2004. Acquisition of air monitoring equipment - Ministry for Rural Affairs and Environment. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th November 2004.

CT 355/2004. Supply of bread (Malta) - Department of Health.

*CT 357/2004. Supply of handcuffs - Police Department.

*CT 358/2004. Supply of adrenaline 1:10,000 pre-filled syringes with luer tip - Department of Health.

*CT 359/2004. Supply of ispaghula husk - Department of Health.

*CT 360/2004. Supply of dipyridamole 100mg tablets - Department of Health.

*CT 361/2004. Construction of access road to housing blocks at Triq il-Wied, Msida - Roads Directorate. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 3rd February, 2005, for:

*CT 362/2004. Procurement of glass showcases - Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

14th December, 2004

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will

pubblikati se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

L-14 ta' Diċembru, 2004

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Għażla ta' kuntratturi prospettivi li jistgħu jitfgħu l-offerta tagħhom għall-kuntratt ta' *Storage and Logistics* li jismu:

Design, supply and installation of all equipment and services to implement a complete and comprehensive Storage and Logistics System for the Mater Dei Hospital of Malta.

CT 351/2004. *Prequalification document* għall-provvista ta' *Storage and Logistics System* għall-Isptar Mater Dei - Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi.

